MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35/2017

Il-Ħamis 31 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

35.1.1 Is-Sindku qal illi s-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienet skużata u l-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

35.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 34/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

35.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

35.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

35.3.1 Is-Sindku qal illi ġie avviċinat mis-Sindku tal-Għasri fejn staqsieh kif il-Kunsill ippermetta lil sid ta' gabbana jarma fil-viċinanzi ta' Wied l-Għasri. Is-Sindku qallu li hu ma ta l-awtorizazzjoni lil ħadd u s-Sindku tal-Għasri nfurmah li sid il-gabbana qallu li kien il-Viċi-Sindku. Dak il-ħin saret telefonata lis-Sindku tal-Għasri fejn ġie kkonfermat li kien il-Viċi-Sindku. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li sid il-gabbana jiġi f'laqgħa tal-Kunsill sabiex jiġu ċċarati l-affarijiet.

### 35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

35.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

35.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

35.5.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat Ċirkulari Numru 22/2017 bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita – Libreriji Lokali/Reġjonali'. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva finanzjarja u ser jipparteċipa billi joħroġ is-somma ta' €800 bħala massimu li ser joħroġ id-Dipartiment.

35.5.2 Komunikat mir-Reġjun t'Għawdex dwar stedina lill-Kunsill għall-Festival 'Sapore di Sale' ġewwa Cervia fir-Reġjun t'Emilia Romagna fl-Italja bejn is-6 u t-12 ta' Settembru 2017. Il-Kunsill qabel illi l-Kunsilliera C Cassar, Chev C Saliba flimkien mad-Deputat Segtretarju Eżekuttiv jattendu sabiex jirrappreżentaw il-lokalita'.

35.5.3 Ċirkulari Numru 23/2017 – *Qualification Allowance* għas-Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali tal-Kumitati Reġjonali u Kunsill Lokali.

35.5.4 Ċirkulari AKL 47/2017 – Ġbir u mmaniġġjar ta' l-Iskart.

35.5.5 Ċirkulari AKL 55/2017 – Proposti dwar l-iskemi tal-Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali.

35.5.6 Ċirkulari AKL 57/2017 – *EDIC publication "Let's Walk around Europe" and sustainable travelling competition*.

35.5.7 Ċirkulari AKL 60/2017 – Inizjattiva ta' Tindif fil-Widien – AKL.

35.5.8 Ċirkulari AKL 61/2017 – Tindif tal-*Water Culverts*.

35.5.9 Ċirkulari AKL 62/2017 – Ħinijiet tas-Seduti tal-Kunsilli Lokali.

35.5.10 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Case No 408/2017 – Diffikultajiet Finanzjarji Kunsilli Lokali.

35.5.11 Stedina għall-programm XIFT fuq TVM.

35.5.12

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Mauro Gasan (Petite Events) Għal attivita` soċjali nhar il-Ġimgħa 8 ta' Settembru 2017 | Approvata. |

fix-Xwejni.

Kempinski Hotel San Lawrenz — Approvata.
Għal attivita` soċjali nhar
l-Erbgħa 13 ta' Settembru 2017
fix-Xwejni.

Petra Gasan (I do Knot Malta) — Approvata.
Għal attivita` soċjali nhar
il-Ħadd 1 t'Ottubru 2017
fix-Xwejni.

35.5.13 Ilment 50/2017 – is-Sinjura M Mifsud
Talbet biex issir tabella li tindika 'Freak Waves from 5.00-6.00pm' ħdejn it-taraġ tal-boċċi fix-Xwejni. Il-Kunsill qabel.

35.5.14 Ilment 51/2017 – is-Sinjura M Mifsud
Talbet sabiex issir *BBQ area* fil-bajja tax-Xwejni. Il-Kunsill ma qabilx.

35.5.15 Ilment 52/2017 – is-Sinjura G Cini
Ilmentat li hemm tabella nieqsa li turi li ma jistgħux jgħumu klieb fix-Xwejni. Din it-tabella diġa saret.

35.5.16 Ilment 53/2017 – is-Sur C Azzopardi
Issuġġerixxa biex fis-sajf il-borża s-sewda tinġabar kuljum. Il-Kunsill ma qabilx.

35.5.17 Ilment 54/2017 – is-Sur K Spiteri
Talab biex isiru *bins* tal-klieb fi Triq l-Oniċi. Il-Kunsill qabel illi jsir *bin*.

35.5.18 Ilment 55/2017 – Chev C Saliba
Talab sabiex jinġabar terrapien li hemm ħdejn Ġnien Serħan is-Sagħtrija peress illi mal-ewwel xita jispiċċa jitkaxkar sal-baħar. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir minn Richard Axiaq.

35.5.19 Is-Sindku ressaq dawn l-ilmenti:

- Titranġa l-kurduna flimkien mal-bankina tas-Sinjura C Vella fi Triq Skapuċċina;
- Jitranġa l-passaġġ Ta' Ċikku;

- Issir stima mill-Perit biex tkun tista titqaxxar u tingħata t-tarmak fi Triq Għajn Mhelhel;
- Jinbidlu l-bankijiet li hawn imkissra fil-lokalita;
- Issir kaxxa tad-*disabled* quddiem il-proprjeta' tas-Sur T Cini fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.

Il-Kunsill qabel.

35.5.20 Il-Viċi Sindku ressaq dawn l-ilmenti:

- Jitnaddfu Triq is-Sagħtrija u Triq Għajn Mhelhel. Chev C Saliba staqsa minn meta ddaħlet il-prassi li toroq mhux residenzjali jibdew jinkinsu;
- Triq Lampuka ssir żona li ma jgħaddux *heavy vehicles* quddiem il-Familja Bajada. Chev C Saliba qal lil Viċi Sindku illi meta jressqulu t-talbiet għandu jara jkunux iġġustifikati. Il-Kunsill ma qabilx;
- Isiru 3 *slows* quddiem ir-residenzi 18 u 'Josmar House' fi Triq Għajn Mhelhel int u tiela. Il-Kunsill qabel;
- Isir bank ħdejn ir-residenza tas-Sinjura G Zammit fi Sqaq fi Triq il-Ponta. Il-Kunsill qabel illi jsir dment li mhux fil-privat.

35.5.21 Is-Sur G Bondin ta' Triq Mons De Piro bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-problema tal-isprall li hemm fil-bidu ta' Triq ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel illi dan jitranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

35.5.22 Il-Kunsilliera S Grech rrimarkat li Triq is-Sellum ma Triq il-Ponta tinstab fi stat maħmuġ ħafna. Il-Kunsill qabel illi jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiem tal-Kunsill li jnaddaf it-toroq.

35.5.23 Il-Kunsill qabel illi jordna l-ismijiet ta' Trejqa Kristina Galea mingħand Alka Ceramics.

35.5.24 Il-Kunsill qabel illi jorganizza ż-Żebbuġ Gozo Motor Show flimkien maż-Żebbuġ Voluntary Group nhar is-Sibt 16 ta' Settembru 2017 fi Triq Mons De Piro. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb jordna *tokens* għal din l-okkażjoni.

## 35.6 Rapport Annwali Amministrattiv 2016;

35.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2016. Kien hemm qbil unanimu dwar dan ir-rapport.

**35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

35.7.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM27/2017 tal-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2017 u l-laqgħa bin-nru. KAM28/2017 tat-Tlieta 25 ta' Lulju 2017 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

**35.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-iskeda tal-pagamenti;**

35.8.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 26/2017 – DOK A għall-perijodu bejn il-28 ta' Lulju 2017 u l-31 t'Awwissu 2017 li tammonta għal €44,835.78 kienet approvata u ffirmata.

**35.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel illi laqgħa oħra ssir f'Settembru meta jitlesta r-rapport tal-għażla mill-Bord għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv.

Konfermati, illum it-Tnejn 9 t'Ottubru 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| **Nicky Saliba** | **Josianne Cassar** |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |